# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 19 ta' Gunju tas-sena 2001.**

**Numru 8**

**Avviz numru 234/00/SM**

**Middle Sea Insurance p.l.c.**

**vs**

**David Vassallo**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat t-28 ta' Frar tas-sena 2000 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas s-somma ta' tmien mija u erba' u hamsin lira (LM854) liema somma hija dovuta in linea ta' danni kagunati fl-incident awtomobilistiku li sehh fis-26 ta' Ottubru, 1998 gewwa Mdina Road, Qormi, bejn il-vetturi bin-numru IBC 996 misjuqa minn Alfred Petro assikurata mas-socjeta' attrici u dik bin-numru AAU 025 misjuqa**

**minnu, liema incident sehh unikament b'tort tieghu;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-26 t'April tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante l-incident awtomobilistiku gara b'tort tal-assigurat tas-socjeta' attrici;**

2. **Salv eccezzjonijiet ohra;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Rat il-verbali datati 7 ta' Dicembru, 2000; 22 ta' Frar 2001, 10 t'April 2001 u 14 ta' Gunju 2001, fejn is-socjeta' attrici naqset li tidher biex iggib il-provi taghha;**

**Stante li mhix pruvata tichad it-talba attrici, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**